MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-28 ta' April, 2010

Numru 144/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR ELTON TALIANA**
**VS**
**NEIL MUSCAT**

Il-Qorti

Rat l- imputazzjoniet migjuba kontra l-imputat Neil Muscat ta' *19*-il sena, imwieled Pieta', nhar it-3 ta' Dicembru 1990 iben Paul u Silvana nee' Fenech residenti Redeemer House, Triq il-Vitorja, Birkirkara u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 567390(M).

Illi huwa akkuzat talli gewwa *ommissis* u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, f'Novembru 2009 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1) B'eghmil zieni, ikkorrompa lill-persuna taht l-eta' u cioe lil *Ommissis A*, minuri ta' *ommissis* (*ommissis*)-il sena;
2) Ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna taht l-eta' u cioe *Ommissis A* ta' *ommissis* (*ommissis*)-il sena;

Il-Qorti hija mitluba illi tapplika l-provedimenti tal-Ligi a terminu ta' l-Artikolu 412C et sequitur tal-Kodici Kriminali u tohrog ordni ta' protezzjoni tenut kont tar-reati adebitati.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat datat 12 ta' April, 2010 (ara ezami ta' l-imputat a fol.6);

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Il-Qorti rat u ezaminat ix-xhieda ta' omm il-minuri, *ommissis B*, illi fis-seduta datata 28 ta' April 2010, irtirat il-kwerela u hafret lill-imputat u dana wara illi l-Qorti nfurmata bil-konsegwenzi ta' l-istess rinunzja.

Illi, pero', ghal rigward tat-tieni (2) akkuza li jinstab mixli l-imputat, illi hija akkuza ex officio.

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat **Neil Muscat**, hati tat-tieni (2) akkuza, tiddikjara li fil-konfront ta' l-ewwel (1) akkuza l-procediment huwa

ezawrit u wara li rat Artikolu 204C tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, **tqieghed lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghal perijodu ta' sentejn taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.**

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat, il-fedina penali nadifa netta tieghu u l-mahfra da parti tal-kwerelanti.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbghat lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------